Australian Government
Department of Health and Aged Care

Maltese - Malti

# Stħarriġ dwar l-Esperjenza tar-Residenti – avviż dwar il-privatezza tal-parteċipant

## Min qed jiġbor l-informazzjoni personali tiegħek

L-informazzjoni personali tiegħek qed tinġabar mill-Access Care Network Australia (ACNA). L-ACNA għandha kuntratt mad-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Kura tal-Anzjani biex tmexxi r-Residents' Experience Survey (RES) [Stħarriġ dwar l-Esperjenza tar-Residenti].

## Għalfejn l-ACNA tiġbor l-informazzjoni personali tiegħek f'isem id-dipartiment

L-ACNA tiġbor l-informazzjoni personali biex tmexxi r-Residents' Experience Survey [Stħarriġ dwar l-Esperjenza tar-Residenti]. Ir-riżultati tal-istħarriġ imbagħad jiġu użati biex jikkalkulaw il-Klassifikazzjoni bl-Istilel (Star Ratings) għal dar residenzjali tal-anzjani. Kull informazzjoni personali tiġi di-identifikata mill-ACNA qabel ma tkun provduta lid-dipartiment.

L-informazzjoni personali tiegħek tista' wkoll tkun użata għal raġunijiet oħra bħal riċerka u analiżi biex tinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-futur.

## X'jiġri jekk l-ACNA ma tiġborx l-informazzjoni personali tiegħek, f'isem id-dipartiment

Jekk inti ma tipprovdix jew ma tistax tipprovdi l-informazzjoni personali tiegħek ma tkunx tista' tieħu sehem fir-Residents' Experience Survey [Stħarriġ dwar l-Esperjenza tar-Residenti].

## Lil min ser tiżvela l-informazzjoni personali tiegħek l-ACNA, f'isem id-dipartiment

L-ACNA tista' tiżvela l-informazzjoni personali tiegħek lil organizzazzjonijiet oħrajn li huma ikkuntrattati ukoll biex iwasslu r-Residents' Experience Survey [Stħarriġ dwar l-Esperjenza tar-Residenti].

## L-aċċess u korrezzjoni tal-informazzjoni personali tiegħek

Il-politika tal-privatezza tal-ACNA fiha informazzjoni dwar kif tista' taċċessa u tikkoreġi informazzjoni personali dwarek li hi miżmuma mill-ACNA. Ara l-politika ta' privatezza tal-ACNA.

## Ilmenti dwar il-privatezza

Il-politika tal-privatezza tad-dipartiment fiha informazzjoni kif inti tista' tilmenta dwar ksur tal-Prinċipji tal-Privatezza Awstraljani jew tal-Kodiċi tal-Privatezza ta' Aġenziji tal-Gvern Awstraljan u kif id-dipartiment ser jitratta l-ilmenti.

## Żvelar tal-informazzjoni personali tiegħek barra mill-Awstralja

Aħna mhux ser niżvelaw l-informazzjoni personali tiegħek ma' xi entititajiet barra mill-Awstralja.

## Għal aktar informazzjoni

Ara l-politika tal-privatezza tad-dipartiment. Tista' tikseb kopja tal-politika tal-privatezza Prinċipji tal-Privatezza Awstraljani billi tikkuntattja lid-dipartiment billi tuża d-dettalji tal-kuntatt elenkati fl-aħħar ta' dan l-avviż.

## Kunsens

Meta tipprovdi l-informazzjoni personali tiegħek lill-ACNA, inti qed tagħti l-kunsens tiegħek lid-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Kura tal-Anzjani biex jiġbor l-informazzjoni mhux identifikata tiegħek mingħand l-ACNA.

## Dettalji tal-kuntatt

Jekk tixtieq li tikkuntattja lid-dipartiment dwar kwistjoni relatata mad-dipartiment, inklużi mistoqsijiet dwar dan l-avviż, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Privatezza tad-dipartiment permezz ta' wieħed minn dawn il-mezzi:

### Bil-posta


Privacy Officer [Uffiċjal tal-Privatezza]

Department of Health and Aged Care

23 Furzer Street

WODEN ACT 2606


### Email


privacy@health.gov.au


### Telefon


02 6289 1555